**22 ta' Ġunju, 1988**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmelo Scicluna LL.D.**

Carmela armla ta' Joseph Farrugia

*versus*

Avukat Dr Grazio Mercieca LL.D. *noe*

**Wirt – Komunjoni ta' l-Akkwisti – Diviżjoni – Depożitarju – Integrità tal-Ġudizzju – Eċċezzjoni Dilatorja – Eċċezzjoni Perentorja**

*Depożitarju ma jistax ikun ikkundannat jirrilaxxja sehem mill-beni li jżomm f'isem mejjet, anke jekk dawn il-beni jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-mejjet u martu, jekk qabel ma tkunx intalbet id-diviżjoni tal-komunjoni.*

*Eċċezzjonijiet dilatorji jistgħu jingħataw biss in limine litis, waqt li eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża, anke waqt l-appell. Iżda eċċezzjonijiet li huma perentorji biss tal-ġudizzju u mhux tal-mertu jitqiesu bħala eċċezzjonijiet dilatorji, u għalhekk jistgħu jingħataw biss in limine litis.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attur, wara li ppremetta illi l-attriċi hija armla ta' Joseph Farrugia li miet fit-12 ta' Diċembru 1983, u dana wara ħajja miżżewġa ta' 46 sena; illi mir-riċerki tat-tesmenti li saru rriżulta li l-aħħar testmenti tad-*de cujus* kienu dawk tas-17 ta' Lulju 1980, tas-7 ta' Ottubru 1981, u ta' l-4 ta' Lulju 1983, kollha fl-atti tan-Nutar Angelo Vella; illi skond l-aħħar xewqat tal-mejjet Joseph Farrugia huwa ħalla lill-attriċi b'titolu ta' legat id-dritt ta' l-użu u l-użufrutt ta' l-assi universali mingħajr eċċezzjoni, bl-ezzenzjoni mill-obbligu ta' l-inventarju u tal-kawżjoni rikjesti mil-liġi, anzi bil-fakoltà illi f'każ ta' bżonn u sabiex tmantni ruħha tkun tista' tiddisponi bi kwalunkwe titolu mill-ġid li tkun qiegħda tgawdi u anki tipotekah u dana mingħajr il-bżonn ta' l-eredi msemmija fl-istess testmenti, fil-waqt li ħalla bħala eredi tiegħu lill-erbatax uliedu; illi fil-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-konjugi Farrugia kien hemm (i) il-kont fiss numru 157001817 fl-ammont ta' Lm16475 f'isem Joseph Farrugia, (ii) il-kont *savings* numru 154002375 fl-ammont ta' Lm453.00 f'isem Joseph Farrugia *and/or wife* Carmen neè Micallef, (iii) ix-*"share certificate"* numru 191 konsistenti f'elf *shares* ta' Lira Maltija l-waħda, 50% *paid-up*, f'isem Joseph Farrugia, kollha taħt il-kontroll tal-

konvenut *nomine;* illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejn l-attriċi u l-mejjet żewġha ġiet xolta bil-mewt ta' l-imsemmi żewġha fit-12 ta' Diċembru 1983, u għalhekk nofs il-kontijiet fuq riferiti jappartjenu lill-attriċi bħala sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ġà xolta kif ingħad; illi l-attriċi applikat lill-konvenut *nomine* biex jirrilaxxja favur tagħha nofs il-kontijiet fuq riferiti bħala sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u biex tgawdi l-*użufrutt billi tiegħu* l-imgħaxijiet fuq ir-rimanenti nofs l-ieħor li jirrappreżenta l-wirt tal-mejjet Joseph Farrugia; illi l-konvenut *nomine,* minflok, irrilaxxja biss favur l-attriċi l-imgħaxijiet fuq il-kontijiet intieri, u għalhekk l-attriċi kellha tinterpellah kemm bonarjament kif ukoll uffiċjalment, u huwa rrikonoxxa d-dritt ta' l-attriċi għal nofs il-kontijiet fuq imsemmija bħala sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, xorta waħda rrifjuta jirrilaxxja l-istess sehmha sakemm ikollha ordni minn din il-Qorti; u peress *illi l-attriċi m'għandhiex mezzi biex tgħix minħabba l-*inadempjenza tal-konvenut *nomine,* u għalkemm il-mejjet żewġha kien xtaq bl-aħħar testmenti tiegħu li martu tkun tista' tiddisponi bi kwalunkwe titolu mill-wirt anki mingħajr il-bżonn ta' l-eredi, mhux talli ma tistax tagħmel dan, iżda lanqas biss tista' tiżbanka sehmha stess; talbet illi din il-Qorti tiddikjara li l-kontijiet tal-bank konvenut hawn fuq imsemmija kif ukoll ix-*shares* hawn fuq imsemmija li qegħdin taħt il-kontroll ta' l-istess konvenut *nomine,* jappartjenu *lill-*komunjoni *ta' l-akkwisti* ġà eżistenti bejn il-konjuni Farrugia u ġà xolta bil-mewt ta' Joseph Farrugia, u li għalhekk nofs il-kontijiet jappartjenu lill-attriċi bħala sehmha mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti; u (2) tordna lill-konvenut *nomine* jirrilaxxja favur l-attriċi nofs il-kontijiet fuq riferiti bħala sehmha mill-istess komunjoni ta' l-akkwisti ġà xolta kif fuq ingħad, fil-waqt li jkompli jħallasha l-imgħaxijiet fuq in-nofs l-ieħor u dana bħala użufruttwarja ta' l-eredità tal-mejjet żewġha Joseph Farrugia. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra

uffiċjali tat-28 ta' Ottubru, 1985, kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine*, li biha qal (1) illi uħud mill-eredi rrifjutaw li jagħtu l-kunsens tagħhom għall-qasma kif proposta mill-attriċi, u għaldaqstant l-eċċipjent mhux f'posizzjoni li jirrilaxxja s-sehem pretiż mill-attriċi. Jekk jagħmel hekk, l-eċċipjent ikun qiegħed jagħmel diviżjoni u likwidazzjoni ta' assi ereditarju u ta' komunjoni *ta' l-akkwisti* mingħajr il-kunsens ta' l-eredi kollha – ħaġa li lanqas eżekutur testamentarju ma jista' jagħmel, aħseb u ara depożitarju li hu terza persuna; (2) illi *l-unika triq miftuħa* għall-attriċi hi li tistitwixxi kawża ta' diviżjoni u mhux kawża bħal istanti; (3) illi għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi meħlus mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut *nomine, li biha qal* (1) illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti, il-ġudizzju mhux integru, peress li ma ġewx ukoll imħarrkin bħala konvenuti l-eredi tal-mejjet Joseph Farrugia li huma l-leġittimi kontradittturi prinċipali f'din il-kawża; u (2) illi subordinatament u bla preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenut *nomine* huma infondati fid-dritt, peress li l-bank depożitarju ma jistax jirrestitwixxi s-somma ddepożitata jekk mhux bil-kunsens tal-komproprjetarji kollha;

Rat *id-dokumenti kollha esibiti;*

Rat il-verbali tax-xhieda prodotti;

Rat l-atti kollha tal-proċess; u,

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawża hija intiża sabiex din il-Qorti tiddikjara li nofs id-depożiti u azzjonijiet hawn fuq imsemmija ddepożitati mal-bank konvenut jappartjenu lill-attriċi in piena u assoluta proprjetà bħala sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti ġà eżistenti bejnha u bejn il-mejjet żewġha, illum xolta b'effett tal-mewt tiegħu; u biex konsegwentement tordna lill-konvenut *nomine* jirrilaxxja l-istess nofs tal-beni msemmija favur l-istess attriċi u n-nofs l-ieħor ikompli jkun suġġett għall-użufrutt favur tagħha;

Illi l-konvenut *nomine* qajjem diversi eċċezzjonijiet. Fost dawn l-eċċezzjonijiet huwa ssolleva n-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju, għaliex ma ġewx imħarrka wkoll l-eredi tal-mejjet Joseph Farrugia li huwa l-leġittimi kontradittturi prinċipali f'din il-kawża. Din l-eċċezzjoni ġiet issollevata b'nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri. Għalhekk, l-avukat ta' l-attriċi ssottometta li l-qorti ma għandhiex tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni, peress li ma ġietx mogħtija fl-istadju proprju tal-kawża, ċjoè *in limine litis;*

Issa, l-artikolu 728 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jipprovdi li l-eċċezzjonijiet dilatorji għandhom jingħataw fil-bidu tad-difiża. Din id-disposizzjoni tal-liġi ssofri dawn l-eċċezzjonijiet, ikkontemplati fl-artikolu 731;

(a) meta b'disposizzjoni espressa tal-Kodiċi msemmi, l-eċċezzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża; jew,

(b) meta r-raġuni għall-għoti ta' l-eċċezzjoni tinqala' waqt il-kawża; jew,

(ċ) meta għal xi raġuni ma jkunux jistgħu jingħataw fiż-

żmien li hemm stabbilit għalihom (jiġifieri *in liminis litis*);

L-artikolu 732 ta' l-istess Kodiċi jgħid ukoll li salv il-produzzjoni tal-provi, l-eċċezzjonijiet perentorji jistgħu jingħataw ukoll fil-Qorti fi grad ta' appell, għalkemm ma jkunux ġew mogħtija fil-Qorti ta' l-ewwel grad. *Multos magis* eċċezzjonijiet tali jistgħu jingħataw f'kull waqt tal-kawża fil-Qorti ta' prim istanza. Issa, ġie deċiż mill-Qorti ta' l-Appell, Sedi Kummerċjali, fil-kawża **Charles Debono *pro et noe vs* John Caruana *noe et*,** fil-5 ta' April 1971, li din id-disposizzjoni tal-liġi tirriferixxi għall-eċċezzjonijiet perentorji fil-mertu u mhux għall-eċċezzjonijiet perentorji merament tal-ġudizzju; dawn ta' l-aħħar, għall-finijiet ta' l-istadju li fih għandhom jiġu eċċepiti, għandhom jitqiesu bħala eċċezzjonijiet dilatorji. L-eċċezzjoni in kwistjoni hija ta' natura dilatorja, u hija *se mai* perentorja biss tal-ġudizzju, u għalhekk imissha tqajmet *in limine litis* skond l-artikolu 728 tal-Kodiċi msemmi; u għas-skans ta' ekwivoċi jingħand li mhix koperta b'xi waħda mill-eċċezzjonijiet ikkontemplati fl-artikolu 731. F'dan il-każ il-konvenut kien, qabel ma qajjem l-eċċezzjoni *de quo,* ġà ta eċċezzjoni fil-mertu. Kwindi l-osservazzjonijiet ta' l-Avukat ta' l-attriċi hija sostenibbli; u l-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' l-istess eċċezzjoni, li għandha titqies bħala li l-konvenut irrinunzja għaliha;

Illi però din il-Qorti m'għandha ebda eżitazzjoni li żżomm li l-eċċezzjonijiet l-oħrajn tal-konvenut *nomine* huma attendibbli. Ix-xhud Henry Delezio, prodott mill-konvenut, spjega konċiżament it-tezi tal-konvenut meta qal "M'hix norma tal-Bank tagħna li tirrilaxxja parti mill-kapital minħabba li nkunu rridu li jkun hemm diviżjoni sħiħa u mhux biss waħda parzjali". Intant, a bażi stess ta' dak li ppremettiet l-attriċi fiċ-ċitazzjoni, anki jekk il-beni li tagħhom qed jitlob in-nofs in piena proprjetà

*jappartjenu* lill-komunjoni ta' l-akkwisti (u dan bħala fatt huwa aktarx korrett), hija ma tistax tagħmel dan jekk ma titlobx fl-ewwel lok li ssir id-diviżjoni globali tal-beni appartenenti lill-komunjoni ta' l-akkwisti, sabiex jiġu stabbiliti l-assijiet partikolari tagħha u dawk ta' żewġha;

Illi għalhekk a bażi tal-premessi u tat-talbiet fiċ-ċitazzjoni l-Qorti ma tistax tasal biex tistabilixxi dawk l-assijiet partikolari; u *kwindi fil-waqt li b'xi mod tista' tasal biex tiddeċidi, anki* favorevolment, dwar l-ewwel parti ta' l-ewwel domanda (li hija fiha nnfisha ta' natura dupliċi), ma tistax tilqa' t-tieni parti ta' l-istess domanda u t-tieni domanda;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi fil-waqt li tiċħad l-eċċezzjoni dwar l-integrità tal-ġudizzju, bl-ispejjeż relattivi għall-konvenut *nomine;* tiċħad id-domandi ta' l-attriċi bl-ispejjeż relattiv għall-attriċi, salvi d-drittijiet oħra lilha talvolta spettanti skond il-liġi.